MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 37/2008

Peter Paul **MUSCAT**

vs

Mario **MUSCAT**, f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u rappreżentanza tas-soċjeta' Muscat Marine Ltd. (C-15259); Cranes & Commercial Sales Limited (C-5874) ġa magħrufa bħala J. Cassar Commercial Plant Sales Limited; John Portelli Enterprises Limited (C-4230); International Timber Products Limited (C-18971); F.X. Borg Furniture Limited (C-2214); United Equipment Co. (UNEC) Limited (C-10827); Joseph Caruana Co. Ltd. (C-5918); Bank of Valletta p.l.c. (C-2833); ir-Reġistratur tal-Qrati; u b'degriet tat-18 ta' Settembru, 2008, issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Lulju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra fit-tul, ir-rikorrent talab li, wara li tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha li jkun xieraq u meħtieġ, il-Qorti (a) ssib li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin bl-artikolu 6 tal- tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u kif ukoll bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u (b) tħassar għal kollox is-sentenzi mogħtijin mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fis-27 ta' Jannar, 2005 u mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-27 ta' Settembru, 2007[1], fl-atti tal-kawża "Peter Paul Muscat vs Mario Muscat et" (Ċitazz. Nru. 51/02PC). Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata Cranes & Commercial Sales Limited fid-19 ta' Awwissu, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li t-talbiet tiegħu m'humiex mistħoqqa. Żiedet tgħid li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża, għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex l-istess rikorrenti ma nqediex għal kollox bir-rimedji ordinarji disponibbli lilu fil-liġi. Fuq kollox, tgħid li r-rikorrent m'għandux jitħalla jinqeda b'din il-proċedura biex jipprova jikseb it-tħassir ta' sentenza li saret ġudikat, billi jġib lil din il-Qorti waħda tat-tielet grad, u dan għaliex l-azzjoni tar-rikorrent illum qiegħda tistieden lil din il-Qorti "tagħmel apprezzament dwar dwar il-mertu kostituzzjonali li diġa sar mill-Qorti tal-Appell għaliex proprju kien jifforma parti mill-aggravji dedotti" quddiem dik il-Qorti. Fil-mertu, iżżid tgħid li l-ilmenti tar-rikorrent ma jwasslux għal ksur tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni kif imfissra, u, f'kull każ, hija m'għandha tbati l-ebda spejjeż għaliex hi bl-ebda mod ma taħti għal dak li jilminta minnu r-rikorrent;

[1] Dan huwż żball għax is-sentenza, fil-fatt, ma ngħatatx dak inhar imma l-għada, 28 ta' Settembru, 2007

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija intimata United Equipment Co. (UNEC) Limited fil-15 ta' Settembru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li m'għandhiex l-interess ġuridiku li tkun fil-kawża għaliex qatt ma kienet il-kontradittriċi leġittima tar-rikorrent fil-proċeduri li huwa jrid iħassar u lanqas qatt kisbet xi benefiċċju mill-atti tas-subbasta li huwa jrid iwaqqaf. Tgħid ukoll li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa u vessatorja;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija intimata Joseph Caruana Company Limited fis-16 ta' Settembru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li din il-kawża ma setgħet qatt tinbeda qabel ma r-rikorrent iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża li ntemmet bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Minbarra dan, lanqas ma setgħet issir din il-kawża ladarba r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji oħrajn li tagħtih il-liġi biex jattakka l-imsemmija sentenza. Żiedet tgħid li hija mhix il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tar-rikorrent u jmissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża, billi dak li jilminta minnu r-rikorrent huwa l-imġiba ta' qorti tal-ġustizzja, għal liema mġiba għandu jwieġeb l-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Istat Malti, li huwa l-garanti ewlieni tal-ħarsien tal-libertajiet fundamentali. Tagħlaq billi tgħid li hija ma wettqet l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimati Mario Muscat u Muscat Marine Limited fis-17 ta' Settembru, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalu, preliminarjament, li l-azzjoni tar-rikorrent ma tiswiex għaliex ma saritx kontra l-Avukat Ġenerali ukoll u għaliex ma saritx in-notifika tal-atti lill-istess Avukat Ġenerali, u wkoll li għandu jitneħħa d-dokument mehmuż mar-Rikors, billi dan m'huwiex għajr kopja u mhux l-aħjar prova li tista' titressaq. Laqgħu ukoll billi qalu li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq, għax m'hija xejn għajr it-"tielet eżami" ta' mertu ta' kawża li llum hija ġudikat u ma tiġbor fiha l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali. Iżżid tgħid li l-proċeduri li minnhom jilminta

r-rikorrent kienu ġusti u b'ħarsien sħiħ tal-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tal-istess rikorrent, li ngħata kull opportunita' biex jippreżenta l-każ tiegħu quddiem il-qrati bla ma ġiet imposta fuqu l-ebda kundizzjoni li setgħet ħolqitlu żvantaġġ meta mqabbel mal-parti l-oħra fil-kawża. F'kull każ, jgħidu li jekk kemm-il darba r-rikorrent iħoss li ma laħaqx ressaq ix-xhieda kollha li deherlu meħtieġa għall-każ tiegħu, għandu jżomm lilu nnifsu responsabbli għal dan minħabba li mexxa l-każ tiegħu bla kont u għaqal;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimata John Portelli Enterprises Limited fis-17 ta' Settembru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li ma tarax li l-mod kif il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) imxiet bih fil-kawża msemmija kien b'xi mod skorrett. F'kull każ, iddikjarat li hija toqgħod għal dak li tiddeċiedi din il-Qorti;

Rat it-Tweġiba Maħlufa (b'dokument mehmuż magħha) mressqa mill-intimat Bank of Valletta p.l.c. (u kif ukoll minn Dottor John Paul u Margaret miżżewġin Grech, aventi kawża mill-istess Bank intimat) fit-18 ta' Settembru, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, preliminarjament, qalu li l-azzjoni ma tiswiex għaliex tonqos minn formalitajiet mitluba mill-artikolu 174 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll għaliex il-bank eċċipjenti ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrent u għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża, u dan billi b'kuntratt tat-tlettax (13) ta' Ġunju, 2008, għadda l-jeddijiet litiġjużi kollha dwar l-imsemmi fond lill-(intimati) Avukat Dottor John Paul u martu Margaret miżżewġin Grech, wara li, b'kuntratt tas-sbatax (17) ta' Ġunju, 2005, kien ittrasferielhom il-fond innifsu. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet tar-rikorrent la huma mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi, minbarra li l-ilmenti mressqa issa mir-rikorrent diġa' tqiesu mill-Qrati rispettivi fis-sentenzi attakkati;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimati International Timber Products Limited u F.X. Borg Furniture Limited fit-18 ta' Settembru, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalu li ma jarawx li l-mod kif il-Qorti tal-

Maġistrati (Għawdex) imxiet bih fil-kawża msemmija kien b'xi mod skorrett. F'kull każ, iddikjaraw li huma joqogħdu għal dak li tiddeċiedi din il-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Settembru, 2008[2], li bih u fuq talba magħmula f'isem ir-rikorrent dak inhar waqt is-smigħ, ordnat li jissejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fil-15 ta' Ottubru, 2008, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi qal li jonqos fih l-interess ġuridiku li joqgħod fil-kawża għat-talbiet tar-rikorrent. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-ilmenti kollha tar-rikorrent kienu ġa' għaddew minn stħarriġ magħmul mill-Qorti tal-Appell, u għalhekk din l-azzjoni m'hijiex għajr tentativ biex il-kwestjoni titqajjem għat-tielet darba;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008[3], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, kellha tistħarreġ dawk l-eċċezzjonijiet preliminari li kienu jitolbuha tqis jekk għandhiex tastjeni milli twettaq is-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2008, li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tal-1 ta' Diċembru, 2008, ordnat li jsiru l-bidliet meħtieġa fl-"okkju" tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2008, li bih u fuq talba tal-intimat Avukat Ġenerali b'rikors tiegħu tal-5 ta' Diċembru, 2008, ħallietu jressaq Tweġiba Maħlufa;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta' Diċembru, 2008, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi qal li dik l-azzjoni hija maħsuba biss biex terġa' tiftaħ mill-ġdid każ li ngħalaq darba għal dejjem b'sentenzi mogħtijin minn qrati kompetenti biex iqisuh u ma kienx l-iskop ta' kawża kostituzzjonali li sservi tat-tieni appell;

---

[2] Paġ. 49 tal-proċess
[3] Paġ. 66 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali fl-10 ta’ Diċembru, 2008, li biha ressaq l-atti kollha tal-kawża 51/02 fl-ismijiet “*Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe et*” maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Settembru, 2007;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-intimata Cranes & Commercial Sales Limited dwar it-tieni eċċezzjoni tagħha;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimata Joseph Caruana Company Limited fit-12 ta’ Jannar, 2009[4], dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha;

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-partijiet interessati dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ Jannar, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ilment ta’ ksur tal-jedd fundamentali ta’ smigħ xieraq f’kawża quddiem qorti. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab dan il-ksur, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, meta qorti li quddiemha kien qiegħed jinstema’ każ tiegħu ordnat lill-avukat tiegħu ikompli jressaq il-provi u jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda tal-parti l-oħra, u kif ukoll biex jittratta l-kawża dak inhar tas-smigħ, meta l-istess avukat urieha li kien għejja u ma felaħx ikompli. Jilminta wkoll minħabba li ċaħditlu t-talba tiegħu li jitħalla jtella’ b’xhud tiegħu, waqt smigħ ieħor, lil xhud li huwa kien ipprova jħarrek u ma nstabx. U jilminta wkoll mill-fatt li dik il-qorti kienet ħalliet il-kawża għas-sentenza bla ma tatu żmien jifli stqarrija ta’

[4] Paġġ. 79 – 82 tal-proċess

xiehda (affidavit) tal-parti l-oħra u ħalliet il-kawża għas-sentenza u għaddiet biex tagħti s-sentenza bla ma semgħet x'kellu x'jgħidilha dwar il-każ tiegħu;

Illi r-rikorrenti b'hekk iqis li ġarrab ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża u dawk tal-kawża numru 51/02PC, jirriżulta li fis-6 ta' Ġunju, 2002, ir-rikorrent fetaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Superjuri kontra ħuh Mario u kontra għadd ta' kumpanniji biex jitlob lil dik il-Qorti ssib li *bungalow* li jinsab fil-limiti ta' Ħad-Dingli, mixtri fuq isem ħuh, kien fis-sewwa nxtara f'isem l-attur bi flus tiegħu bħala *prestanome* tiegħu. Talab ukoll li l-atti ta' subbasta mibdijin mill-intimata Cranes & Commercial Sales Limited kontra ħuh titqies bla siwi safejn tolqot l-imsemmi *bungalow*, u b'hekk tħassar dawk il-proċeduri. Fl-aħħarnett, talab li l-Qorti tordna li l-post jgħaddi fuq ismu billi tordna lil ħuh jersaq għall-att pubbliku meħtieġ, taħtar nutar biex jippubblika dak l-att u kif ukoll kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu fuq il-kuntratt;

Illi dik il-kawża kienet kontestata mill-imħarrkin kollha, u mqiegħda għas-smigħ għat-22 ta' Ottubru, 2002. B'degriet mogħti waqt is-smigħ tat-8 ta' April, 2003, il-kawża tħalliet għat-2 ta' Diċembru, 2003. Imma, b'degriet tagħha tad-29 ta' Mejju, 2003, fuq talba magħmula b'rikors mill-Bank of Valletta p.l.c., il-Qorti tal-Maġistrati ġabet 'il quddiem is-smigħ tal-kawża (flimkien ma' kawża oħra bin-numru 76/02 fl-ismijiet "*Bank of Valletta p.l.c. vs Mario Muscat et*" li kienet qiegħda tinstema' flimkien magħha) għat-3 ta' Ottubru, 2003. Dak inhar, il-Qorti ordnat li l-provi jinstemgħu mill-Assistent Ġudizzjarju tagħha, l-Avukat Aron Attard Ħili. Bejn Novembru tal-2003 u Marzu tal-2004, l-Assistent Ġudizzjarju żamm erba' (4) seduti għall-provi tar-rikorrent. La r-rikorrent u lanqas l-avukat tiegħu ma attendew imqar waħda minn dawk is-seduti, imma f'xi żmien matul dak il-perjodu, tressqu x-xhieda bl-affidavit tar-rikorrent u ta' ħuh Edwin;

Illi meta fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2004, reġa' la deher ir-rikorrent u lanqas l-avukat tiegħu, l-Assisten Ġudizzjarju ta appuntament ieħor għal seduta fis-16 ta' April, 2004, u talab direttiva mill-Qorti dwar il-ġbir tal-provi. B'degriet tat-12 ta' Marzu, 2004[5], dik il-Qorti ordnat lill-Assistent Ġudizzjarju biex "jiġbor il-provi kollha tal-attur fis-seduta li jmiss, u fin-nuqqas jipproċedi biex jiġbor il-provi tal-konvenuti". Fis-seduta tas-16 ta' April, 2004, ir-rikorrent u l-avukat tiegħu reġgħu ma dehrux. L-Assistent Ġudizzjarju reġa' sejjaħ żewġ seduti oħrajn fil-21 ta' Mejju u fil-15 ta' Ġunju, 2004, li fihom reġgħu ma tressqux provi min-naħa tal-intimati. Ir-rikorrent ma kienx preżenti għalihom, imma deher l-avukat tiegħu. Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2004[6], fost l-oħrajn, l-Assitent Ġudizzjarju ivverbalizża li "Peress li din il-kawża tinkolpi l-istess mertu tal-kawża l-oħra BOV plc vs Mario Muscat et (Ċitazz. Nru. 76/2002) għandha tibqa' għas-sentenza";

Illi fl-24 ta' Ġunju, 2004, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tal-Bank intimat biex l-affidavit ta' wieħed Anthony Scicluna li jagħmel parti mill-atti tal-kawża 76/02 jiddaħħal fl-atti tal-kawża tar-rikorrent, u ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-5 ta' Ottubru, 2004. Dik il-Qorti ma pprovdietx dwar rikors imressaq mill-avukat Grech, għar-rikorrent, fil-21 ta' Ġunju, 2004, li bih talab li l-kawża titħalla għal data oħra minħabba li kellu jidher biex jittratta kawża quddiem qorti f'Malta;

Illi b'rikors imressaq mir-rikorrent fis-6 ta' Awwissu, 2004[7], huwa talab li dik il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza biex sadattant tipprovdi dwar l-ilmenti tiegħu li (a) ma ngħatax l-opportunita' li jgħid tiegħu dwar it-talba tal-Bank of Valletta p.l.c. li jitħalla jressaq kopja ta' l-affidavit ta' Anthony Scicluna; (b) li hu ma kienx għadu għalaq il-provi tiegħu; (ċ) li, f'kull każ, il-Qorti kellha tagħtih l-opportunita' li jittratta l-kawża "inkella jkun hemm ksur tal-artikolu 6 ta' Konvenzjoni"; u (d) jitħalla jressaq lill-intimat Mario Muscat b'xhud tiegħu. Dik it-talba ma ntlaqgħetx b'degriet tad-9 ta' Awwissu, 2004[8]. Ir-rikorrent

[5] Paġ. 120 tal-atti tal-kawża 51/02
[6] Paġ. 129 tal-atti tal-kawża 51/02
[7] Paġ. 132 tal-atti tal-kawża 51/02
[8] Paġ. 133 tal-atti tal-kawża 51/02

ressaq rikors ieħor fit-3 ta’ Settembru, 2004, u tenna l-erba’ lmenti tiegħu b’mod aktar elaborat u reġa’ talab li jingħata r-rimedji mistennija minnu. Dik il-Qorti tat degriet fl-10 ta’ Settembru, 2004[9], li bih “għar-raġuni biss li ma kienx għadu ġie degretat ir-rikors tal-legali ta’ l-attur tal-21 ta’ Ġunju, 2004 meta din il-kawża tħalliet għas-sentenza tlitt ijiem wara”, waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u ħalliet “il-kawża għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-kontendenti” għall-5 ta’ Ottubru;

Illi fil-15 ta’ Settembru, 2004, ir-rikorrent reġa’ ressaq rikors ieħor biex, fid-dawl ta’ xi żviluppi li kienu seħħew u minħabba dikjarazzjonijiet li kienu saru qabel tul is-smigħ tal-kawża, il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza. B’degriet tat-23 ta’ Settembru, 2004[10], dik il-Qorti astjeniet milli tqis iżjed dak ir-rikors, fid-dawl tad-degriet illi kienet tat fl-10 ta’ Settembru;

Illi meta ssejħet il-kawża fil-5 ta’ Ottubru, 2004, deher l-avukat tar-rikorrent u l-intimat Mario Muscat mgħejjun mill-avukat tiegħu iżda l-kawża tħalliet “għall-provi kollha tal-kontendenti u trattazzjoni finali għall-5 ta’ Novembru, 2004 fil-11.00 a.m., bl-intiża li jekk ser jitressqu xi xhieda, dawn iridu jitressqu *viva voce* fl-udjenza”;

Illi fit-12 ta’ Ottubru, 2004, ir-rikorrenti ħareġ taħrika għal ħames xhud. Fil-15 ta’ Ottubru, 2004, ir-rikorrent ħareġ taħrika oħra għal erba’ xhud oħrajn, fosthom wieħed li kien diġa’ ħarrek qabel. F’każ ta’ xhud minnhom – dik dwar Victor Cauchi – ma saritx notifika;

Illi fis-smigħ tal-5 ta’ Novembru, 2004, l-intimat Mario Muscat ressaq nota bix-xhieda tiegħu b’affidavit maħluf minnu lejliet is-seduta[11], u xehdu erbgħa mix-xhieda mħarrkin mir-rikorrent. L-avukat tar-rikorrent talab li l-kawża titħalla għal data oħra biex ikun jista’ jitħarrek Victor Cauchi, iżda wara l-oppożizzjoni murija minn żewġ avukati tal-parti l-oħra, l-Qorti ċaħdet dik it-talba. Dak il-ħin, l-avukat tar-rikorrenti iddikjara li kien sar il-ħin u ma

[9] Paġ. 140 tal-atti tal-kawża 51/02
[10] Paġ. 144 tal-atti tal-kawża 51/02
[11] Paġġ. 165 – 6 tal-atti tal-kawża 51/02

kienx iżjed f'qagħda "mentali u fiżiku li jkompli jagħmel ix-xogħol tiegħu minħabba eżawriment". Il-Qorti ordnat li, minkejja dan, il-kawża kellha tkompli tinstema' u dak il-ħin stiednet lir-rikorrent ikompli jressaq il-provi li seta' kien fadallu. L-avukat tiegħu reġa' tenna l-pożizzjoni tiegħu. Xehed l-intimat Mario Muscat, saret it-trattazzjoni bil-fomm mill-avukat tiegħu u l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-27 ta' Jannar, 2005;

Illi fis-27 ta' Jannar, 2005, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali tat is-sentenza. Ir-rikorrent appella minnha fis-16 ta' Frar, 2005. Dak inhar ukoll ingħatat is-sentenza fil-kawża numru 76/02. Minnha ma sarx appell, imma r-rikorrent u martu reqqsu talba għar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża fil-21 ta' Ġunju, 2005[12]. Fit-28 ta' Settembru, 2007, il-Qorti tal-Appell qatgħet l-appell tar-rikorrent billi ċaħditu. Fit-2 ta' Mejju, 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat is-sentenza fil-kawża ta' ritrattazzjoni magħmula mir-rikorrent u martu, billi ċaħdet it-talba tagħhom li tħassar is-sentenza (fil-kawża numru 76/02) u li terġa' tisma' l-każ mill-ġdid. Fl-14 ta' Lulju, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jridu tabilfors isiru b'riferenza għar-raġunijiet magħmulin mill-eċċipjenti fl-atti minnhom imressqa. Għalhekk, l-intimata Cranes & Commercial Sales Limited issejjes l-eċċezzjoni preliminari tagħha (it-tieni eċċezzjoni) fuq rimedju ordinarju disponibbli lir-rikorrent taħt l-artikoli 89(2) u 94 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta. Min-naħa tagħha, l-intimata Joseph Caruana Company Limited issejjes it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha fuq ir-rimedju tar-ritrattazzjoni;

Illi l-għaref difensur tar-rikorrent, fit-trattazzjoni tiegħu bil-fomm quddiem din il-Qorti, jisħaq li l-ebda wieħed miż-żewġ rimedji suġġeriti mill-intimati ma kien tassew rimedju xieraq alternativ għall-ilment tar-rikorrent. Fl-ewwel lok, jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 89 u 94 tal-Kap 12 ma

[12] Ċitazz. Nru. 56/05AE

setgħu qatt jgħoddu għall-każ tiegħu għaliex l-avukat li kellu ma kienx irrinunzja għall-patroċinju. Fir-rigward tal-eċċezzjoni mressqa mill-intimata Joseph Caruana Company Limited, huwa jgħid li l-ilment tar-rikorrent ma kien qatt mibni fuq l-allegat qerq tal-intimat Mario Muscat, imma fuq l-imġiba tal-Qorti fl-aħħar fażijiet tas-smigħ tal-kawża;

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[13]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u

[13] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[14];

Illi meta jingħad li jkun hemm riemedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[15]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[16];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[17]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[18];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-

[14] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[15] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[16] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[17] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[18] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[19]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[20]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[21];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-

[19] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[20] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[21] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

setgħat[22]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[23];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa. Il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwestjoni legali mqanqla f'din il-kawża – jiġifieri, l-kwestjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq – ma jistgħu jkunu mistħarrġa quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Fil-fehma tal-Qorti, uħud mill-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur kienu tabilfors jeħtieġu li wieħed idur lejn din il-Qorti għall-istħarriġ u d-definizzjoni tagħhom;

Illi din il-Qorti tqis li l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex waħda li sempliċement tattakka s-sentenzi mogħtijin kontrih. M'huwiex qiegħed jgħid li l-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq seħħ bil-għoti nnifsu tal-imsemmija sentenzi. Huwa qiegħed joħodha kontra dik iċ-ċirkostanza partikolari tas-smigħ tal-kawża fl-ewwel istanza – kif murija fil-verbal tas-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2004 – fejn huwa jgħid li l-Qorti tal-Ewwel grad ma laqgħetx it-talba tiegħu biex il-każ jitkompla darb'oħra;

Illi meta wieħed ineżżа' r-rikors tar-rikorrent minn kull tiżwieqa oħra u meta jitqiesu sewwa l-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami, wieħed mill-ewwel jasal għall-fehma li la l-arranġament maħsub taħt l-artikolu 89 tal-Kap 12 u lanqas ir-rimedju tar-ritrattazzjoni suġġerit mill-intimati ma kienx jgħodd għal dik iċ-ċirkostanza. Dan l-aħħar rimedju jingħata dwar sentenzi li jkunu saru ġudikat u mhux minn degrieti interlokutorji (bħalma huwa l-każ). Minbarra dan, minħabba li ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-għoti ta' smigħ mill-ġdid ta' kawża maqtugħa huma

[22] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[23] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

dawk tassativament maħsuba fl-artikolu 811, dik iċ-ċirkostanza msemmija ma jidher li taqa' taħt l-ebda waħda mill-kawżali maħsuba f'dak l-artikolu. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-rimedju maħsub fl-artikolu 89 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed jista' tassew jgħid li din hija dispożizzjoni li tagħti rimedju effikaċi u effettiv fil-jedd li persuna jkollha smigħ xieraq tal-kawża tagħha billi tingħata avukat biex jidher għaliha[24]. Iżda dak ir-rimedju jgħodd fejn parti f'kawża ma jkollhiex jew ma jkunx seħħilha ssib avukat biex jidher għaliha. Fil-każ tar-rikorrent, dan ma kienx il-każ, għaliex l-avukat tiegħu baqa' jidher għalih imma ħassu ma jiflaħx ikompli bil-kawża dak inhar. Li kieku, fil-fatt, tqabbad avukat ieħor għar-rikorrent dak inhar, x'aktarx kien jinħalaq episodju fejn l-avukat imqabbad kien isib ma' wiċċu problema ta' etika professjonali li jidħol biex jidher għal parti meta l-avukat ta' qabel ma jkunx ta r-rilaxx;

Illi xogħol din il-Qorti m'huwiex dak li terġa' tqis il-mertu dwar il-kwestjoni dibattuta quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni "ordinarja" u dak li kellhom x'jgħidu dwar dik il-kwestjoni. Xogħol din il-Qorti, f'din il-kawża, hu li tqis jekk dak li ġara waqt is-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2004 (u fl-ebda fażi oħra tal-kawża, għaliex l-ilment tar-rikorrent jintrabat biss ma' dak inhar) kienx iwassal għall-ksur ta' jedd tar-rikorrent li jkollu smigħ xieraq, kif dak il-jedd huwa mifhum u mfisser fil-liġi. Għalhekk, fit-tfittxija dwar jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu rimedji oħrajn biex jindirizza l-ilment tiegħu u jekk inqediex bihom, wieħed għandu jara biss jekk dak li jsemmu l-intimati eċċipjenti jissarrafx f'għamla ta' rimedju kif ingħad qabel;

Illi l-għaref avukat tal-intimata Cranes & Commercial Sales Limited qanqlet punt ieħor waqt it-trattazzjoni tagħha, u jiġifieri li dawn l-istess ilmenti li dwarhom ir-rikorrent kien qiegħed iressaq din il-kawża tal-lum kienu l-istess punti li huwa prattikament bena r-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell. Hija żżid tgħid li l-Qorti tal-Appell stħarrġet dawk l-ilmenti tul il-kors tas-sentenza u għalhekk mhuwiex mogħti lir-rikorrent li jerġa' jiftaħ il-

[24] Ara P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Joseph Baldacchino et vs L-Avukat Ġenerali***

kwestjoni taħt din il-proċedura. Il-Qorti, filwaqt li tqis li dan l-argument mhux għal kollox barra mnn postu, ma tistax taqbel li jwassalha biex tieqaf milli twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha f'din il-kawża. Il-Qorti tal-Appell, fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji tar-rikorrent bħala appellant quddiemha, ma kinitx qiegħda twettaq il-funzjoni tagħha ta' Qorti ta' indoli "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali", u għalhekk dawk id-deliberazzjonijiet ma kienu qatt immirati biex jidderimu l-aspett tal-aggravju kostituzzjonali li r-rikorrent qiegħed jagħmel f'din il-proċedura tal-lum;

Illi għalhekk, fil-fehma meqjusa tagħha, din il-Qorti ma taħsibhiex bħall-intimati u għalhekk m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni tagħhom u wisq anqas taqtagħha li ma twettaqx is-setgħat "kostituzzjonali" u "konvenzjonali" tagħha biex ma tkomplix tisma' l-każ tar-rikorrent u tistħarreġ jekk hux tassew li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** ta' kull waħda mill-intimati Cranes & Commercial Sales Limited u Joseph Caruana Limited bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi, u bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna t-tkomplija tas-smigħ** tal-kawża

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------